A.L. 220 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Education (Inclusion and Individual Educational Needs in Primary Schools)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Education (Inclusion and Individual Educational Needs in Primary Schools).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Education (Inclusion and Individual Educational Needs in Primary Schools); u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Education (Inclusion and Individual Educational Needs in Primary Schools).

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għad-dħul fil-Kors għandhom ikunu persuni li:

(a) għandhom il-grad ta' Bachelor of Education (Honours) jew il-Postgraduate Certificate in Education jew xi kwalifika ta' għalliem ekwivalenti rikonoxxuta mill-Bord; u

(b) qed jaqdu d-dmirijiet bħala għalliema fi skola primarja u/jew sekondarja rikonoxxuta u ilhom jagħmlu dan għal mill-anqas ħames snin; u

(ċ) permezz ta' intervista, jissodisfaw lill-Bord li huma għandhom ir-rekwiżiti meħtieġa biex isegwu l-Kors, inkluż:

(i) xejra u dispożizzjoni professjonali;
(ii) tagħrif dwar l-inklużjoni u l-ħtiġijiet edukattivi speċjali; u
(iii) esperjenza ta' xogħol ma' tfal u żgħażagħ b'diżabilita'.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors u jekk dawn ikunux mis-settur primarju u/jew mis-settur sekondarju, skond ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu fuq il-bażi tal-livell milħuq minnhom fl-intervista.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time.*

(2) F'ċirkostanzi speċjali, il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jtemmu l-Kors f'massimu ta' tlett snin.

L-Istruttura tal-Kors

5. Il-kors ta' studji jikkonsisti fil-komponenti li ġejjin:

(a) taqsimiet studju, li għalihom hemm assenjati 40 kredtu, fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

L-Ewwel Sena:

Creating inclusive cultures, policies and practices
Developing collaboration and support networks
Understanding and responding to Individual Educational Needs
Teaching lifeskills

It-Tieni Sena:

Developing collaboration and support networks
Understanding and responding to Individual Educational Needs;

(b) Esej Twil dwar argumenti fl-edukazzjoni inklussiva u għajnuna għall-ħtiġijiet edukattivi individwali, li għalihom hemm assenjati 6 kredti; u

(ċ) perijodi ta' Pjazzament Prattiku, li jkunu assenjati 6 kredti fl-Ewwel Sena u 8 kredti fit-Tieni Sena.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

6. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. Ir-riżultati għall-valutazzjoni tat-taqsimiet studju, l-Esej Twil u l-Pjazzamenti Prattiċi għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa tal-Marki	**Grad**
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex ikunu kkalkulati l-progress ta' l-istudenti u l-klassifikazzjoni finali tad-Diploma.

8. (1) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' taqsima studju għandu jkollhom valutazzjoni mill-ġdid darba biss, skond il-provvedimenti tal-paragrafu (2) tar-regolament 4. Jekk jgħaddu, l-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

(2) Jekk wara valutazzjoni mill-ġdid, l-istudenti ma jiksbux il-kredti meħtieġa, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

9. Biex ikomplu għat-tieni sena tal-Kors, l-istudenti għandhom jiksbu 30 kredtu, li għandhom jinkludu s-6 kredti assenjati għall-Pjazzamenti Prattiċi.

10. L-istudenti li jagħżlu li ma jkomplux jew li ma jtemmux it-tieni sena tal-Kors għandhom jingħataw Postgraduate Certificate in Inclusion and Individual Educational Needs.

Il-Pjazzamenti Prattiċi

11. (1) Il-Pjazzamenti Prattiċi jinfirxu fuq il-perijodi akkademiċi kollha tas-sentejn.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-Pjazzamenti Prattiċi jitħallew jirrepetuhom darba, skond il-provvedimenti tal-paragrafu (2) tar-regolament 4. Il-Pjazzament Prattiku jsir matul l-ewwel semestru tas-sena akkademika li jmiss. Jekk jgħaddu, l-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

L-Għoti tad-Diploma

12. (1) Biex jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma, l-istudenti għandhom jiksbu 60 kredtu, li għandhom jinkludu s-6 kredti assenjati għall-Esej Twil, u l-14-il kredtu assenjati għall-Pjazzamenti Prattiċi.

(2) Ir-riżultat finali ta' kull student għandu jqis ir-riżultati miksuba fil-valutazzjoni tal-komponenti kollha (taqsimiet studju, Esej Twil, u Pjazzamenti Prattiċi) tal-Kors, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull komponent.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati fl-lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.